MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Numru 400/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Walter Spiteri**
**v**

**RITIANNE AZZOPARDI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **RITIANNE AZZOPARDI** ta' erbgha w ghoxrin sena bint Carmelo u Fransina nee Caruana imwielda Pieta nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 1981 u residenti 146, Triq Dun Mario, Hal Qormi, detentrici ta' karta tal-identita numru 322481M giet imressqa quddiemha akkuzata:

1. talli f'Hagar Qim limiti tal-Qrendi, matul l-lejl ta' bejn l-ghaxra u l-hdax ta' Frar 2006, iddenunzjat lil Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma kienx sar, inkellha bil-qerq, holqot t-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak r-reat kien sar;

2. talli ngurjat jew heddedt jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta’ ufficjali tal-pulizija, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jghamlu, jew li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. talli fil-pubbliku, qalet kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f’dagha;

4. talli voluntarjament kisret il-bon ordni w l-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat, glied jew mod iehor;

5. talli m’obdietx l-ordnijiet legittimi ta’ ufficjali tal-pulizija li kienu nkarigati minn servizz pubbliku jew ma halliethomx jew fixklithom waqt li kienu qed jghamlu d-dmirijiet taghhom jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmirijiethom billi ma halliethomx jaghmlu dak li b’ligi, kienu ordnati jaghmlu jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak lil huma kienu ghamlu skond l-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat hdax ta’ Mejju 2006 esibit fl-atti bhala dokument CSH 2 a fol 4 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputata, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-hmistax ta’ Mejju 2006 [fol 7].

Ikkunsidrat:
Illi nhar l-hmistax ta’ Mejju 2006 **xehed l-Ispettur Walter Spiteri** [fol 8] fejn qal li nhar l-hdax ta’ Frar 2006 l-pulizija taz-Zurrieq kienu gew infurmati mill-kamra tal-kontroll tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, li ghal habta tas-siegha w kwart ta’ filghodu kien sehh incident fir-*restaurant* ta’ Hagar Qim limiti tal-Qrendi u meta marru fuq il-post sabu li

l-incident rappurtat kien spicca u n-nies kienu sejrin lil hinn.

Qal li sakemm l-pulizija kienet ghadha fuq il-post, kien hemm karozza nizela 'l isfel minn hdejn r-*restaurant* u giet imwaqqfa minn vettura li fiha kien hemm Joseph Azzopardi, li jigi hu l-imputata odjerna, w il-mara tieghu w inqala incident bejn Joseph Azzopardi w il-pulizija. Wara, waslu fuq il-post xi familjari ta' Joseph Azzopardi u gie allegat li dan kien gie msawwat minn membri tal-korp tal-pulizija.

Qal li kulhadd gie nvestigat w ittiehdu xi stqarrijiet wkoll, pero l-imputata qatt ma giet mitkellma minnu ghaliex l-istqarrija taghha kienet giet mehuda mill-Ispettur Simon Galea fil-presenza ta' WPC 248 Kimberley Hili, liema stqarrija esibixxa bhala dokument WS [fol 11].

Qal li fuq struzzjonijiet tal-Avukat Generali kellhom jinhargu l-akkuzi fil-konfront tal-imputata odjerna.

Mistoqsi jekk ikkonstatax l-fatt li hu l-imputata, Joseph Azzopardi, kellux feriti f'rasu, ix-xhud wiegeb li fil-fatt dan kellu tali feriti u anke kien hemm certifikati medici f'dan r-rigward. Qal li sussegwentement irrizultalu li Joseph Azzopardi kellu xi ferita fuq hugbejh u kellha bzonn xi punti.

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2006 **xehed l-Ispettur Simon Galea** [fol 13] fejn, wara li ra l-istqarrija esibita bhala dokument WS rilaxxjata mill-imputata, kkonferma li din giet rilaxxjata wara li hi nghatat is-solita twissija u gharaf l-firma tal-imputata, tieghu u ta' WPC 248 Kimberley Hili fuq iz-zewg faccati taghha.

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2006 **xehdet WPC 248 Kimberley Hili** [fol 15] fejn, wara li rat l-istqarrija esibita bhala dokument WS rilaxxjata mill-imputata, kkonfermat li din giet rilaxxjata wara li hi nghatat is-solita twissija u gharfet l-firma tal-imputata, taghha u tal-Ispettur Simon Galea fuqha.

Illi nhar l-hmistax ta’ Mejju 2006 **xehed PS 1269 Louis Tabone** [fol 17] fejn qal li nhar l-hdax ta’ Frar 2006, kien gie mghajjat fuq glieda f’*restaurant* f’Hagar Qim ghal habta tas-siegha w kwart ta’ filghodu. Qal li meta wasal hemm ma sab ebda glieda u kollox kien jidher kwiet. Qal li sakemm kienu qed ibiddlu t-*tyre* tal-karozza tal-pulizija, peress li hadu *puncture*, giet vettura mid-direzzjoni opposta u sakkrithom mal-hajt u b’hekk ma setghux isuqu ‘l quddiem.

Qal li minn din il-vettura nizel ragel li beda jheddidhom li kienu hallelin u li kienu huma li hadulu c-cappetta li tiswa circa elf u hames mitt lira maltin. Qal li ma dan r-ragel kien hemm xi tfal zghar fil-karozza. Qal li kif wasal hdejhom beda jghidilhom jinzlu mill-karozza biex ifittxilhom. Qal li kemm hu kif wkoll PC 751 Joe Borg li kien mieghu kienu lebsin l-uniformi tal-pulizija.

Zied jghid li dan d-diskors beda jghidu lil mara li kien hemm mieghu. Ix-xhud zied jghid li kemm hu, kif wkoll siehbu baqghu fil-karozza tal-pulizija u dan r-ragel beda diehel u hiereg fil-karozza tieghu qisu ser igib xi haga ghalihom w ghalhekk dak l-hin hargu mill-karozza w arrestawh w immanettjawh. Qal li dan r-ragel beda jaghmel forza maghhom sakemm arrestawh.

Spjega li xi hin dan r-ragel u PC 751 Joe Borg gew fl-idejn, waqghu mal-art. Qal li fil-pront harget il-mara ta’ dan r-ragel u hadet ic-cwievet mill-*ignition* tal-karozza tal-pulizija u hadhomlha minn idejha. Qal li nel frattemp gew xi familjari ta’ dan r-ragel u kompla t-theddid u kliem hazin.

Mistoqsi jekk sofrietx griehi r-ragel li spicca mal-art, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf peress li kien hemm dlam cappa. Qal li huma arrestaw lil persuna li kien Joseph Azzopardi w akkumpanjawh l-klinika peress li kellu xi griehi li hu kien sofra mill-glieda ta’ qabel. Ix-xhud qal li l-manetti tieghu baqghu fuqu u li ma kienx jaf b’liema manetti kien gie manettjat Joseph Azzopardi. Qal li meta dan gie manettjat, kien hemm diversi membri tal-korp tal-pulizija ohra. Ix-xhud qal li hu fl-ebda hin ma ta bis-sieq lil

Joseph Azzopardi u lanqas ma ra xi arma tal-pulizija tintuza quddiemu, lanqas minn PC 751 Joe Borg.

In kontr' ezami, mistoqsi kif marru fuq il-post, ix-xhud wiegeb li peress li kien dahal messagg mill-kamra tal-kontroll fejn intalbet l-assistenza taghhom. Cahad dak li gie allegat mid-difiza li Joseph Azzopardi beda jghidilhom li kien tilef c-cappetta u li ried ikun jaf fejn kienet ghaliex fil-fatt Joseph Azzopardi beda jallega li huma kienu haduhilu. Qal li fil-fatt din il-brazuletta nstabet f'hanut minn membri tal-pulizija. Qal li huma ma nizlux mill-karozza taghhom mill-ewwel meta mar fuqhom Joseph Azzopardi.

Qal li dak il-hin Jseph Azzopardi ma kellux armi f'idejh. Mistoqsi jekk kienx minnu li l-imputata u l-gharus taghha kienu li sabu c-cappetta, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf u li skond ma kienu qalulu, kienu l-pulizija li sabu c-cappetta. Qal li huma kienu baghtu lil Joseph Azzopardi ifittex c-cappetta l-post fejn kien qabel. Cahad li qal xi kliem oxxen lil Joseph Azzopardi w arrestawh minhabba l-mod li kien qed jakkuzhom bih u peress li gie fl-idejn ma PC 751 Joe Borg. Cahad li siehbu beda jaghti lil Joseph Azzopardi bl-addocc b'saqajh u li tawh xi daqqiet f'wiccu.

Ix-xhud qal li l-imputata kienet presenti fuq il-post u bdiet tghajjarhom u theddidhom u titkellem hazin waqt li kienu qed jarrestaw lil Joseph Azzopardi. Qal li t-tfal zghar li kien hemm bdew jibku.

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2006 **xehed PC 751 Joe Borg** [fol 22] fejn qal li nhar l-hdax ta' Frar 2006 ghal habta tas-siegha w kwart ta' filghodu waqt li kien xoghol, kien gie mghajjat fuq glieda f'Hagar Qim u meta mar fuq il-post sab diversi vetturi tal-pulizija. Qal li waqt li hu u PC 1269 Tabone li kien mieghu, kienu qed ibiddlu t-*tyre* tal-vettura taghhom, marret fid-direzzjoni taghhom vettura zghira u sakkrithom bejn il-hajt tas-sejjieh u l-istess karozza u minn din il-vettura nizel ragel li beda joffendihom u jghidilhom jinzlu mill-karozza. Zied jghid li f'din l-karozza li minnha nizel dan r-ragel, kien hemm xi tfal zghar.

Qal li hu beda jghidlu biex jitla lura fil-karozza tieghu u jkompli fi triqtu bil-kelma t-tajba pero hu baqa jallega li kienu hadulu xi haga. Qal li mill-istess vettura nizlet wkoll mara u marret hdejn il-karozza taghhom. Qal li dan r-ragel beda jdahhal wiccu ma wicc x-xufier fil-karozza tal-pulizija u jordnalu jinzel minnha biex jaghmel tfittxija fiha. Qal li l-imputata waslet fuq il-post xi kwarta wara li Joseph Azzopardi gie manettjat u bdiet ittellifhom fid-doveri taghhom. Qal li hi bdiet tghid biex ihalluh, ma jmissuhx u ma jsawwtuhx pero fl-ebda hin ma heddidhom, ingurjathom jew ghamlithom xi feriti. Qal li Joseph Azzopardi gie arrestat l' isfel mir-*restaurant* fejn jinfed ghal parkegg bejn il-karozza u l-hajt tas-sejjieh. Qal li waqt l-arrest, kemm Joseph Azzopardi kif wkoll hu, waqghu mal-art u Joseph Azzopardi heddu kemm il-darba fis-sens li kien ser jghamillu kif kien ghamlilhom il-"Pinzell". Ix-xhud zied jghid li kien hu li akkumpanja lil Joseph Azzopardi l-poliklinika u jahseb li hemm ra lil din il-mara hdejn il-poliklinika. Ix-xhud qal li hu fl-ebda hin ma qal kliem mhux xieraq. Mistoqsi kif graw il-griehi fuq Joseph Azzopardi f'wiccu, ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jwiegeb pero kien jaf li qabel dan kien involut fi glieda fir-*restaurant*.

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2006 **xehed PS 849 John Curmi** [fol 25] fejn qal li nhar l-hdax ta' Frar 2006 ghal habta tas-siegha ta' filghodu waqt li kien *patrol* ma PC 1278 fiz-Zurrieq gie mitlub imur Hagar Qim fejn kien hemm xi glieda pero meta waslu hemm s-sitwazzjoni kienet gia kkalmat. Qal li hemm sab lil PC 1451 u lil PC 172 li huma stazzjonati l-SAG. Qal li kien hemm wkoll xi nies migbura go *bar* li kienu qed ifittxu haga tad-deheb u huma qaghdu hemm sabiex jassistu lil tal-hanut waqt din t-tfittxija.

Qal li xi hin semgha xi ghajjat gej mid-direzzjoni ta' isfel u cioe mill-parkegg u meta hares, ra karozza tal-pulizija u karozza ohra tostakola u semgha xi theddid u dagha gej minn dik d-direzzjoni. Qal li hu resaq lejn din il-vettura u ra lil Joseph Azzopardi jghid xi kliem fil-konfront tal-pulizija bhal '*inzlu ha nahlikhom ghax jien il-"Buqaru"*' u beda jidghi u jimbotta lil PC 751 Joe Borg u rahom jaqghu t-

tnejn mal-art. Qal li wara sar jaf li xi mara jew tfajla kienet hadet c-cwievet tal-karozza tal-pulizija. Qal li b'kollox fuq il-post kien hemm xi tmien pulizija ohra. Qal li meta Joseph Azzopardi gie manettjat, dan gie mehud minn fuq il-post. Qal li Joseph Azzopardi kien qed jallega li l-pulizija hadulu *choker* meta fil-fatt din instabet fir-*restaurant* minn familjari tieghu stess aktar tard.
Qal li waqt li kien qed jigi arrestat Joseph Azzopardi, kien hemm l-mara tieghu u t-tfal tieghu u ftit wara mar huh b'xi *jeep*. Qal li kien hemm ommu u mara ohra fuq l-post wkoll. Mistoqsi minn cempel lil huh, x-xhud ma kienx jaf jirrispondi. Qal li hu semgha lil hu Joseph Azzopardi jghid '*fejn hu hija ghax cempilli*'. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS. Mistoqsi jekk rax lil imputata fuq il-post, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2006 **xehed PC 1279 Paul Zammit** [fol 31] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien tela fuq il-post fejn sab diversi vetturi tal-Mobile Squad. Qal li x'hin wasal pero ma kien hemm ebda glied. Qal li fil-hanut kien hemm xi nies li dehru ta' *bad character* u sid il-hanut Jane Cini ridithom jibqghu hemm sakemm tghalaq il-hanut u hekk ghamlu. Qal li sakemm kienu qed jistennew, semghu xi ghajjat u meta resqu qrib, raw karozza pajzana li kienet qed tingombra l-passagg ta' karozza tal-pulizija. Qal li ra ragel manettjat diehel fil-karozza tal-pulizija u fl-ebda hin ma ra lil dan r-ragel jissawwat minn membri tal-korp tal-pulizija. Qal li l-imputata kienet fuq il-post u semghaha tghid '*x'qed tghamlulu, halluh fejn ser tohduh*'. Mistoqsi qalitx xi kliem fil-konfront tal-pulizija, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li mieghu fil-hanut kien hemm PS 849 u xi pulizija ohra, mara li kellha aktar zmien mill-imputata u mara ohra. Qal li xi nies kienu sabu xi gizirana li tiswa l-flus fir-*restaurant*. Mistoqsi jekk rax nies bid-demm fir-*restaurant*, x-xhud wiegeb li ma rax pero l-persuna li kienet qed tigi arrestata kellu xi dmija f'imniehru.

Illi nhar t-tlieta ta' Lulju 2006 **xehed PC 1241 Christopher Farugia** [fol 35] fejn qal nhar l-hdax ta' Frar 2006, ghal xi s-siegha ta' filghodu kien gie mitlub jassisti Hagar Qim

peress li kien hemm xi glieda pero meta wasal fuq il-post s-sitwazzjoni kienet gia kkalmat u hemm kien hemm xi membri tal-SAG. Qal li kif l-membri tal-SAG kienu sejrin lil hinn, kif waslu hdejn il-parkegg, giet vettura u sakkrithom u beda jinstemgha xi ghajjat. Qal li meta resaq qrib, ra persuna li kienet f'din il-karozza, li bdiet tghajjat mal-pulizija u xi membri tal-SAG jzommuh biex jarrestawh. Qal li din il-persuna dahlet fil-karozza u hu akkumpanjhom sal-*lock up*. Qal li dan r-ragel qallu li kien involut fi glieda f'Hagar Qim ftit tal-hin qabel u li kien tilef ic-cappetta u li kien mar lura ghaliha. Qal li kif waslu l-*lock up* b'dan r-ragel, dan qalilhom biex johduh l-poliklinika tal-Floriana u marru hemm. Mistoqsi jekk rax lil imputata fl-akwati, x-xhud wiegeb li raha tghajjat u tfixkilhom f'xogholhom. Qal li anke l-poliklinika kienet u wkoll bdiet tfixkilhom bl-ghajjat taghha u meta bdew jippruvaw jarrestaw lil Joseph Azzopardi, bdiet tindahal bi kliem. Qal li hu ma rax pulizija jsawwtu lil Joseph Azzopardi. Qal li hu ra lil Joseph Azzopardi bi griehi fuq mohhu pero ma kienx jaf kif graw ghaliex ma kien rahom isiru.

Illi nhar t-tlieta ta' Lulju 2006 **xehed PC 296 Brian Farrugia** [fol 38] fejn qal li nhar l-hdax ta' Frar 2006 ghal habta tas-siegha ta' filghodu kien gie mghajjat imur Hagar Qim ghaliex kien hemm xi glied u meta wasal s-sitwazzjoni kienet ikkalmat. Qal li kien hemm sid *restaurant* tghalaq bil-kwiet pero ftit l' isfel kien hemm xi storbju u meta resaq ra karozza tas-servizz wieqfa u karozza ohra tostakolha. Qal li fil-pront hareg ragel minn din il-karozza u beda jghajjat u kien abuziv mal-pulizija li kienu fil-karozza taghhom. Qal li wara harget mara minn din il-karozza meta kien ser jigi arrestat dan r-ragel li kien Joseph Azzopardi u zammewha.

Qal li ftit wara waslet karozza ohra pajzana li fiha kien hemm hu Joseph Azziopardi li beda ghajjat ghal huh u li kienu ser itellfulu l-*pledge*. Qal li beda jinza xi deheb li kellu fuqu u jaghtih lil ommu u jghidilha li kien ser jigri d-demm u ghalhekk l-pulizija bdew izommuh. Qal li kien hemm xi familjari ohra li ppruvaw jindahlu f'xoghol il-pulizija u huma bdew izommuhom. Mistoqsi jekk l-imputata kienetx fuq il-post, x-xhud wiegeb li hemm kienet

u kienet qed tfixkilhom wkoll. Qal li sussegwentement Joseph Azzopardi ddahhal fil-karozza tal-pulizija w ittiehdet d-depot, pero fit-triq qalilhom li ried ikur il-poliklinika tal-Floriana u marru bih hemmhekk fejn sabu xi familjari u lil imputata wkoll.
Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2006 **xehed PC 402 Joseph Scerri** [fol 42] fejn qal li nhar l-hdax ta' Frar 2006 ghal xi s-siegha ta' filghodu kien gie msejjah imur Hagar Qim biex jassisti ghaliex kien hemm xi glied. Qal li hemm ra xi kollegi tieghu jippruvaw jarrestaw lil Joseph Azzopardi u kien hemm wkoll xi familjari tieghu. Qal li fost dawn kien hemm l-imputata odjerna, li bdiet timbotta lil pulizija, tghajjat w ittellifhom f'xogholhom.

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2006 **xehed PC 1176 Zahra** [fol 44] fejn qal li nhar l-hdax ta' Frar 2006 kien gie mitlub imur jassisti hdejn Hagar Qim peress li kien hemm xi glied u meta nizel hemm sab li kien hemm xi membri tal-SAG li kienu qed jippruvaw jarrestaw lil Joseph Azzopardi. Qal li hu u xi membri tal-pulizija kienu qed jippruvaw jzommu lil familjari ta' Joseph Azzopardi li kienu qed jimpedixxu lil pulizija f'xogholhom. Qal li fost dawn kien hemm l-imputata odjerna li kienet qed timbotta u tghajjat.

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2006 **xehed PC 1451** [fol 46] fejn qal li nhar l-hdax ta' Frar 2006 kien gie mitlub jassisti hdejn Hagar Qim peress li kien hemm xi glied. Qal li meta wasal fuq il-post sab xi ghoxrin ruh u wara xi ghaxar minuti s-sitwazzjoni giet taht kontroll u telqu lil hinn. Qal li xi kwarta wara regghu rritornaw fuq il-post l-istess nies li kienu nvoluti fil-glieda ta' qabel w inqala l-inkwiet mal-pulizija. Qal li ftit wara gie arrestat ragel maghruf bhala l-"Buqaru". Qal li ma dan kien hemm xi familjari tieghu. Qal li fost dawn kien hemm l-imputata odjerna li bdiet timbotta lil pulizija biex ma jarrestawx lil "Buqaru".

Illi nhar l-erbgha ta' Dicembru 2006 **xehed PC 22 Micallef** [fol 55] fejn qal li dakinhar tal-incident kien gie msejjah sabiex jaghti l-assistenza tieghu hdejn Hagar Qim peress li kien hemm glieda u meta wasal fuq il-post s-sitwazzjoni kienet ikkalmat. Qal li wara li kien ilu hemm xi hames minuti, semgha xi storbju u xi kollegi tieghu talbuh jinzel

hdejhom fejn sab lil pulizija jikkustinjaw ma persuni ohra. Qal li fost dawn kien hemm Joseph Azzopardi li kien qed jigi mizmum mill-pulizija u kien aggressiv fil-konfront taghhom. Qal li kien hemm l-mara ta’ Joseph Azzopardi u cioe l-imputata odjerna, li kienet cemplet lil familjari taghha biex imorru fuq il-post. Qal li l-imputata lilu ma taghtu ebda inkwiet.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Lulju 2006 **xehed PC 223 Adrian Chetcuti** [fol 57] fejn qal li dakinhar tal-incident kien gie msejjah fuq il-post sabiex jaghti l-ghajnuna tieghu u meta wasal s-sitwazzjoni kienet taht kontroll. Mistoqsi jekk rax lil imputata fuq il-post, x-xhud m’gharafx iwiegeb.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Lulju 2006 **xehed PC 1176 Kurt Zahra** [fol 59] fejn qal li ghal habta tas-siegha w kwart ta’ filghodu tal-hdax ta’ Frar 2006 kien gie mitlub jassisti hdejn Hagar Qim fejn kienet sehhet xi glieda. Qal li meta wasal kien kollox taht kontroll pero ftit aktar ‘l isfel kien hemm xi ghajjat u meta nizel, sab lil xi membri tal-SAG jippruvaw jarrestaw persuna. Qal li ma jiftakarx jekk rax lil imputata fuq il-post.
Illi l-imputata ma xehditx f’dawn il-proceduri u ma ressqet ebda prova in difesa taghha u nhar l-erbgha ta’ Dicembru 2006, irrimettiet ruhha ghal atti.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li dakinhar tal-incident, kien hemm hafna pulizija li lkoll telghu fuq il-post biex jittantaw jikkalmaw glieda li allegatament kienet ghaddejja f’Hagar Qim.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li l-imputata kienet fuq il-post fost numru ta’ nies ohra pero ma gabitx ruhha sew, tant li kien hemm hafna pulizija li lkoll qalu li l-imputata bdiet theddidhom, tkellimhom hazin u tfixkilhom fil-qadi ta’ dmirijiethom.

Dan hu konfermat kemm minn PS 1269 Louis Tabone, kif wkoll minn PC 751 Joe Borg, PC 1279 Paul Zammit, PC

1241 Christopher Farrugia, PC 296 Brian Farrugia, PC 402 Joseph Scerri u PC 1451.

Illi l-imputata fl-ebda hin ma cahdet dak li qalu dwarha dawn il-pulizija li kienu fuq l-post tal-incident dakinhar.

Illi ‘n vista tas-suespot, il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputata hatja tat-tieni [2], tar-raba [4] u tal-hames [5] akkuza kif dedotti konfront taghha.

Illi l-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputata esibita bhala dokument CSH 1, minn fejn jirrizulta li din hija nadifa ghal ahhar bla ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrata fuqha w ghalhekk ghandha tigi meqjusa bhala li hija *a first time offender*.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 110(2), 95, 338(bb), 338(dd), 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputata RITIANNE AZZOPARDI hatja tat-tieni [2], tar-raba [4] u tal-hames [5] akkuza kif addebitati fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ mitt [100] lira maltin filwaqt li tiddikjara li ma ssibhix hatja tal-ewwel [1] u tat-tielet [3] akkuza u tilliberaha minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------